32000R2474

11.11.2000 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 286/1

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2474/2000
## tad-9 ta' Novembru 2000
## li jistabbilixxi, skond l-Artikolu 1(7) tar-Regolament (KEE) Nru 3030/93, il-lista ta' prodotti tat-tessuti li għandhom jiġu integrati fil-qafas tal-GATT 1994 fl-1 ta' Jannar 2002 u li jemenda l-Anness X tar-Regolament (KE) Nru 3030/93 u l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 3285/94

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunitajiet Ewropej u, b'mod partikolari, l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 1(7) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3030/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 dwar regoli komuni għall-importazzjoni tal-prodotti tat-tessuti minn ċerti pajjiżi terzi [1],

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Komunità Ewropea kkonkludiet il-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (hawn aktar 'il quddiem magħrufa bħala l-ODK) [2], li miegħu huwa mehmuż il-Ftehim dwar Tessuti u Drapp (hawn aktar 'il quddiem magħruf bħala l-FTD).

(2) Skond l-Artikolu 2(8)(b) u (11) tal-FTD, il-Komunità hi obbligata, minn naħa waħda, li tintegra fl-1 ta' Jannar 2002 prodotti li fl-1990 kienu jammontaw għal mhux inqas minn 18 % tal-volum totali ta' l-importazzjonijiet ġewwa l-Komunità għall-1990 tal-prodotti kollha tat-tessuti u tad-drapp regolati permezz tal-FTD fil-qafas tar-regoli u d-dixxiplini normali tal-GATT u, minn naħa l-oħra, biex tinnotifika l-lista ta' dawk il-prodotti lit-Korp ta' Sorveljanza tat-Tessuti ta' l-ODK qabel l-1 ta' Jannar 2001.

(3) Sabiex tagħżel il-prodotti li għandhom jiġu ntegrati, il-Kunsill ġie gwidat minn numru ta' fatturi, li jinkludu s-sensitività tal-prodott għall-industrija tal-Komunità u l-komponenti reġjonali tagħha b'mod partikolari skond il-kompetittività ekonomika u s-sitwazzjoni ta' l-impjieg, l-effettività ta' xi restrizzjonijiet kwantitattivi fuq il-prodott, il-kapacità ta' l-industrija tal-Komunità li tkompli bil-process ta' adattament għall-kompetizzjoni miżjuda fi prodotti li bħalissa huma soġġetti għal restrizzjoni kwantitattiva ma' pajjiż fornitur wieħed jew aktar, ix-xewqa li jiġi mħeġġeġ aġġustament industrijali b'pass aċċettabbli matul il-perijodu transitorju ta' 10 snin, l-impatt fuq il-konsumaturi, l-impatt fuq pajjiżi terzi u l-opportunità li jiġu simplifikati r-regoli tal-Komuinità dwar l-importazzjoni ta' prodotti tat-tessut u ta' l-ilbies.

(4) F'dan ir-rigward ġew ikkunsidrati s-sottomissjonijiet irċevuti minn partijiet interessati li wieġbu għall-istedina tal-Kummissjoni sabiex jagħmlu dawk is-sottomissjonijiet pubblikati fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* [3].

(5) Il-lista ta' prodotti li jinsabu fl-Anness X tar-Regolament (KEE) Nru 3030/93 għandha tiġi emendata sabiex teskludi l-prodotti li għandhom jiġu integrati fl-1 ta' Jannar 2002.

(6) Il-lista ta' prodotti tat-tessuti u ta' l-ilbies li huma regolati permezz tar-regoli u d-dixxiplini normali tal-GATT, li jinsabu fl-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (KE) No 3285/94 tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 518/94 [4] għandha tiġi emendata sabiex tinkludi, sa mill-1 ta' Jannar 2002, il-prodotti li għandhom jiġu integrati skond ir-regoli normali tal-GATT,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

1. Il-prodotti li għandhom jiġu integrati skond ir-regoli normali tal-GATT, sa mill-1 ta' Jannar 2002, huma elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. L-Anness X tar-Regolament (KEE) Nru 3030/93 qiegħed pil-presenti jiġi sostitwit permezz ta' l-Anness fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, mill-1 ta' Jannar 2002.

3. L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 3285/94 qiegħed jiġi sostitwit bl-Anness fl-Anness III għal dan ir-Regolament, mill-1 ta' Jannar 2002.

[1] ĠU L 275, tat-8.11.1993, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1072/99 (ĠU L 134, tat-28.5.1999, p. 1.

[2] ĠU L 336, tat-23.12.1994, p. 3.

[3] ĠU C 88, tal-25.3.2000, p. 18.

[4] ĠU L 349, tal-31.12.1994, p. 53. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2315/96 (ĠU L 314, ta' l-4.12.1996, p. 1).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-9 ta' Novembru 2000.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. LANG

*ANNESS I*

**Lista ta' prodotti tat-tessut u ta' l-ilbies li għandhom jiġu integrati fil-qafas tar-regoli normali tal-1994 tal-GATT (it-tielet stadju)**

| Kategorija | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 10 | Ingwanti, bis-swaba' jew mingħajr, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| 18 | *Singlets* jew flokkijiet ta' taħt, qliezet ta' taħt, *briefs*, qomos ta' bil-lejl, piġami, blużi għall-banju, ġagagi oħrajn u oġġetti simili ta' l-irġiel jew tas-subien mhux maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| | *Singlets*, u flokkijiet ta' taħt *slips*, lbiesi ta' taħt, *briefs*, qomos ta' bil-lejl, piġami, *negligees*, blużi għall-banju, ġagagi oħrajn u oġġetti simili tan-nisa jew bniet mhux maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| 21 | *Parkas, anoraks, windcheaters, waister jackets* u oġġetti simili, minbarra dawk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew tal-fibri sintetiċi; il-parti ta' fuq ta' *tracksuits* infurrati, minbarra tal-kategorija 16 jew 29, tal-qoton jew ta' fibri sintetiċi |
| 24 | Qomos ta' bil-lejl, piġami, blużi għall-banju, ġagagi u oġġetti simili ta'l-irġiel jew subien maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| | Qomos ta' bil-lejl, piġami, *negligees*, blużi għall-banju, ġagagi u oġġetti simili tan-nisa jew bniet maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| 27 | Dbielet tan-nisa jew bniet, inklużi dbielet bil-qasma |
| 32 | Tessuti minsuġin mill-pil u tessuti tax-xinilja(ħlief xugamani tal-kirxa u drappijiet minsuġin mill-ħarir tas-suf, tal-qoton u tessuti minsuġin irqaq, u wċuħ tat-tessut imberfel tas-suf, tal-qoton jew tal-fibri sintetiċi |
| 33 | Tessuti minsuġin tal-ħjut tal-filament sintetiku miksub strixxa oġġett oġġetti simili tal-*polyethylene* jew *polypropylene* wiesa' inqas minn 3 metri |
| | Xkejjer u boroż mit-tip użati għall-ippakkajr ta'l-oġġetti, mhux maħdumin bil-labar jew bil-ganċ minn strixxa jew oġġett oġġetti simili |
| 34 | Tessuti minsuġin minn ħjut tal-filament sintetiku minn strixxa jew oġġett oġġetti simili tal-*polyethylene* jew *polypropylene* wiesa' 3 metri jew aktar |
| 36 | Tessuti minsuġin minn materjali sintetiċi kontinwi ħlief dawk għal *tyres* fil-kategorija 114 |
| 37 | Tessuti minsuġin jew fibri prinċipali artifiċjali |
| 38A | Tessut sintetiku tal-purtieri maħdum jew kroxe' inkluż drapp tax-xibka tal-purtieri |
| 40 | Purtieri minsuġin (inklużi drapp tat-tiżjin, *blinds* ta' ġewwa, pavaljuni tal-purtieri jew tas-sodda u oġġetti oħrajn tad-tiżjin, ħlief jekk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew ta' fibri sintetiċi |
| 42 | Ħajt ta' filament kontinwu magħmul mill-bniedem, mhux għall-bejgħ bl-imnut |
| | Ħajt ta' fibri artifiċjali; ħajt ta' filamenti artifiċjali mhux għall-bejgħ bl-imnut ħlief għal ħajt singolu ta' *viscose rayon* mhux mibrum, jew mibrum mhux aktar minn 250 darba fil-metru u ħajt mingħajr nisġa waħdanija taċ-ċellulosa *acetate* |
| 43 | Ħajt ta' filament magħmul mill-bniedem, ħajt ta' fibra prinċipalii artifiċjali, ħajt tal-qoton għall-bejgħ bl-imnut |
| 47 | Ħajt tan-nagħaġ jew ħrief imqardax (ħajt sufi) jew ta' pil fin ta'l-annimali imqardax, mhux għall-bejgħ bl-imnut |
| 48 | Ħajt ta' suf tan-ngħaġ jew ħrief mimxut (ħajt *worsted*) jew ta' pil fin ta'l-annimali imqardax, mhux għall-bejgħ bl-imnut |
| 49 | Ħajt tas-suf tan-ngħaġ jew ħrief imqardax jew ta' pil fin ta'l-annimali għall-bejgħ bl-imnut |
| 53 | Garża tal-qoton |
| 54 | Fibri prinċipali artifiċjali, inkluż skart,imqardax, jew proċessat mod ieħor għall-għażil |

| Kategorija | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 55 | Fibri prinċipali sintetiċi inklużi skart, imqardax jew proċessat mod ieħor għall-għażil |
| 56 | Ħajt ta' fibri prinċipali sintetiċi (inkluż skart) għall-bejgħ bl-imnut |
| 59 | Twapet u tessuti oħra għall-kisi ta' l-art, ħlief għal twapet tal-kategorija 58 |
| 60 | Tapezzeriji maħdumin bl-idejn, mix-xorta Gobelins, Flanders, Aubusson, Beauvaus u oġġetti simili, u tapezzeriji maħdumin bil-labar (eż *petit point* u *cross-stitch*), maħdumin f' pannelli u oġġetti simili bl-idejn |
| 62 | Ħajt tax-xinilja (ħajt tas-suf tax-xinilja), ħajt bil-gimm (ħlief għal ħajt metallizzat u ħajt tax-xagħar taż-żiemel bil-gimm) |
| | Tull u tessuti oħrajn xorta ta' xibka, esklużi tessuti minsuġin, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, bizzilla maħduma bl-idejn jew mekkanikament, fil-pezza, fi strixxi jew mottivi |
| | Tabelli, għeliem u oġġetti simili tad-drapp, mhux irrakkmati, fil-pezza, fi strixxi jew maqtugħin f'biċċiet jew f' daqsijiet, minsuġin |
| | Malji u tiżjin ornamentali fil-pezza, ġmiemen, *pompons* u oġġetti simili |
| | Rakkmu fil-pezza, fi strixxi jew mottivi |
| 63 | Drapp maħdum jew kroxe' ta' fibri sintetiċi li għandu toqol ta' 5 % jew aktar elastomeriku, u drapp maħdum jew kroxe' ta' fibri sintetiċi li għandu toqol ta' 5 % jew aktar ħajt tal-gomma |
| | Bizzilla Raschel u tessuti ta' pil twil ta' fibri sintetiċi |
| 66 | Twapet żgħar u gvieret għall-ivvjaġġar, ħlief jekk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew ta' fibri maħdumin mill-bniedem |
| 68 | Ħwejjeġ u aċċessorji ta' lbies tat-trabi, esklużi ngwanti, bis-swaba' jew mingħajr tal-kategoriji 10 u 87, u kalzeti twal, kalzetti u kalzini ħlief maħdumin bil-labar jew bil-ganċ tal-kategorija 88. |
| 73 | *Tracksuits* ta' drapp maħdum bil-labar jew bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew ta' fibri tessili maħdumin mill-bniedem |
| 93 | Xkejjer u boroż, mix-xorta użata għall-ippakkajr ta' drappijiet minsuġin, ħlief għal dawk magħmulin minn strixxa ta' *polythene* jew *polypropylene* |
| 95 | Pannu u oġġetti tal-pannu, sew jekk imprenjat, miksi jew le, ħlief għall-kisi ta'l-art |
| 98 | Oġġetti oħrajn maħdumin minn suf, ċimi, kejbils jew ħbula ħlief għal drappijiet, oġġetti maħduma minn drappijiet jew oġġetti tal-kategorija 97 |
| 101 | Brim tal-ħjut, ċimi ħbula jew kejbils, trizzati jew le ħlief ta' fibri sintetiċi |
| 109 | Tarpolini, qlugħ,tined u *sunblinds* |
| 112 | Oġġetti oħrajn magħmulin minn tessuti, minsuġin esklużi dawk fil-kategoriji 113 u 114 |
| 113 | Bċejjeċ ta' l-art, bċejjeċ tal-platti u bċejjeċ tat-tfarfir, ħlief jekk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| 114 | Drappijiet u oġġetti minsuġin, għall-użu tekniku |
| 120 | Purtieri (drapp tat-tiżjin), *blinds* ta' ġewwa, pavaljuni tal-purtieri jew ta' ġewwa u oġġetti oħrajn ta'l-għamara, mhux maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, tal-qanneb jew rami |
| 123 | Drappijiet tal-pil minsuġin u drappijiet tax-xinilja ħlief għal drappijiet dojoq minsuġin |
| | Xalel, xarpi, *mufflers*, mantilji, mantijiet u oġġetti simili tal-qanneb jew rami, ħlief jekk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| 125A | Ħjut tal-filament sintetiku (kontinwu) mhux għall-bejgħ bl-imnut, ħlief suf tal-kategorija 41 |

| Kategorija | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 125B | Monofilament, stripep (tiben artifiċjali u oġġetti simili) u imsaren tal-qtates imitat ta' materjali sintetiċi |
| 127A | Ħajt ta' filamenti artifiċjali (kontinwu) mhux għall-bejgħ bl-imnut, ħlief ħajt tal-kategorija 47 |
| 127B | Monofilament stripep (tiben artifiċjali u oġġetti simili) u imsaren tal-qtates imitat ta' materjal tat-tessut artifiċjali |
| 129 | Ħajt ta' xagħar ta' l-annimali oħxon jew xagħar taż-żiemel |
| 131 | Ħajt ta' fibri tessili mnn ħxejjex oħra |
| 133 | Ħajt tal-qanneb ta' veru |
| 135 | Drappijiet minsuġin minn xagħar ta' l-annimali oħxon jew xagħar taż-żiemel |
| 137 | Drappijiet minsuġin minn pil jew xinilja, u drappijiet minsuġin dojoq ta' ħarir jew skart ta' ħarir |
| 138 | Drappijiet minsuġin minn ħajt tal-karti u fibri oħra tessili ħlief għal rami |
| 139 | Drappijiet minsuġin minn ħjut metalizzati jew ħajt metalizżat |
| 140 | Drapp maħdum jew kroxe' ta' materjal tat-tessut ħlief għal suf jew pil fin ta' l-annimali, qoton jew fibri sintetiċi |
| 141 | Twapet żgħar u kutri għall-ivvjaġġar tal-materjal tat-tessut ħlief tas-suf jew pil fin ta' l-annimali, qoton jew fibri sintetiċi |
| 142 | Twapet u kisi ieħor ta' l-art tas-sisal jew fibri oħra tal-ispeċje *agave* |
| 144 | Pannu tax-xagħar ta' l-annimali oħxon |
| 145 | Brim tal-ħjut, ċimi, ħbula u kejbils, trizzati jew maljati jew le, ta' l-abaka (Qanneb tal-Manila) jew qanneb ta' veru |
| 146A | *Binder twine* jew *baler twine* għal magni agrikoli tas-sisal jew fibri oħra tal-ispeċje *agave* |
| 146B | Brim tal-ħjut, ċimi, ħbula u kejbils tas-sisal jew fibri oħra tal-ispeċje *agave* ħlief għal prodotti tal-kategorija 146A |
| 146C | Brim tal-ħjut, ċimi, ħbula u kejbils, trizzati jew maljati jew le, tal-juta jew fibri tessili oħra bil-ħjut tal-ħasira taħt l-intetstura Nru 5303 |
| 151A | Kisi ta'l-art tal-ħajt mislut mill-qoxra tal-ġewża ta'l-Indi (kojra) |
| 152 | Pannu *needleloom* tal-juta jew fibri oħra bil-ħjut tal-ħasira mhux imprenjati jew miksijin ħlief għal kisi ta'l-art |
| 160 | Mkatar tal-ħarir jew ta' l-iskart tal-ħarir |
| 161 | Lbiesi, mhux maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, ħlief dawk fil-kategoriji 1 sa 123 u l-kategorija 159 |
| ex 6405 20 | Żraben oħrajn li għandom il-parti ta' fuq tad-drapp |
| 6601 10 | Umbrelli tal-ġnien u oġġetti simili |
| 8708 21 | Ċinturini ta' sigurezza |
| ex 9404 90 | Ħlief għall-appoġġ tas-saqqijiet, saqqijiet u *sleeping bags* |

*ANNESS II*

*"ANNESS X*

**Lista ta' prodotti tat-tessut u ta' l-ilbies li għadhom m'humiex integrati fil-qafas tar-regoli normali ta' l-1994 tal-GATT**

| Kategorija | Deskrizzjoni |
|---|---|
| GRUPP 1 A | |
| 1 | Ħajt tal-qoton mhux għall-bejgħ bl-imnut |
| 2 | Tessuti minsuġin mill-qoton ħlief garża, drappijiet tal-ħarir tas-suf, drappijiet tal-pil, drappijiet tax-xinilja, tull, u drappijiet oħra tax-xibka |
| 2(a) | Li minnhom: bliċjati jew le |
| 3 | Drappijiet minsuġin minn fibri sintetiċi (mhux kontinwi jew inkella skart) ħlief għal drappijiet minsuġin dojoq, drappijiet tal-pil (drappijiet tal-ħarir tas-suf) u drappijiet tax-xinilja |
| 3(a) | Li minnhom: bliċjati jew le |
| GRUPP 1 B | |
| 4 | Qomos, T-shirts, *jumpers* u *pullovers* ħfief maħdumin irqaq *roll, polo* jew *turtle-neck* (ħlief għal suf jew pil fin ta'l-annimali), flokkijiet ta' taħt u oġġetti simili, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| 5 | *Jerseys, pullovers, slip-overs,* sdieri, *twinset, cardigans, bedjackets* u *jumpers* (ħlief għal ġgieget u ġlekkijiet), *anoraks, windcheaters, waister jackets* u oġġetti simili, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| 6 | *Breeches,* xorts u oġġetti simili ta' l-irġiel/subien ħlief għal malji ta'l-għawm u qliezet (*slacks);* qliezet u *slacks* tan-nisa / bniet, tas-suf, tal-qoton jew ta' fibri sintetiċi; il-parti ta' isfel ta' *tracksuits* infurrati, ħlief għall-kategorija 16 jew 29, tal-qoton jew tal-fibri sintetiċi |
| 7 | Qomos, blużi u *shirt-blouses* tan-nisa/bniet, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, jew le, tas-suf, tal-qoton jew tal-fibri sintetiċi |
| 8 | Qomos ta'l-irġiel / subien, ħlief jekk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ tas-suf, tal-qoton jew tal-fibri sintetiċi |
| GRUPP II A | |
| 9 | Xugaman tal-kirxa u drappijiet oġġetti simili minsuġin mill-ħarir tas-suf, tal-qoton, oġġetti tessili tal-kamra tal-banju u tal-kċina, ħlief jekk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, xugaman tal-kirxa u drappijiet minsuġin bil-ħarir tas-suf, tal-qoton |
| 20 | Lożor u nvesti ħlief jekk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| 22 | Ħajt ta' fibri prinċipali jew skart sintetiċi mhux għall-bejgħ bl-imnut |
| 22 (a) | Li minnhom akriliku |
| 23 | Ħajt ta' fibri prinċipali jew skart artifiċjali mhux għall-bejgħ bl-imnut |
| 39 | Oġġetti tessili tal-mejda, tal-kamra tal-banju u tal-kċina, ħlief maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, ħlief għal xugaman tal-kirxa jew drapp tal-qoton simili tal-ħarir tas-suf |

| Kategorija | Deskrizzjoni |
|---|---|
| GRUPP II B | |
| 12 | Tajts tan-nylon u oħrajn, kalzetti twal, kalzetti twal ta' taħt, kalzetti normali, kalzetti qosra, kalzettini u oġġetti simili, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, ħlief għat-trabi, inklużi kalzetti twal għall-vini varikużi, minbarra prodotti tal-kategorija 70 |
| 13 | Qliezet ta' taħt u *briefs* tal-irġiel jew subien, qliezet ta' taħt u *briefs* tan-nisa jew bniet, maħdumin nil-labar jew bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew tal-fibri sintetiċi |
| 14 | Kappotti u nċirati minsuġin u kowtijet oħrajn, mnatar u kapep ta'l-irġiel jew subien, tas-suf, tal-qoton jew tal-fibri tessili sintetiċi (minbarra *parkas*) (fil-kategorija 21) |
| 15 | Kappotti u nċirati minsuġin u kowtijet oħrajn, mnatar u kapep, ġgieget u ġlekkijiet tan-nisa jew tal-bniet, tas-suf, tal-qoton jew tal-fibri tessili sintetiċi (minbarra *parkas* fil-kategorija 21) |
| 16 | Lbiesi sħaħ jew imqabbla ta'l-irġiel jew tas-subien, ħlief dawk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew tal-fibri sintetiċi, esklużi *ski suits;tracksuits* infurrati ta' l-irġiel jew tas-subien, b'qoxra barranija ta' drapp singolu identiku, tal-qoton jew tal-fibri sintetiċi |
| 17 | Ġgieget jew ġlekkijiet ta' l-irġiel jew tas-subien ħlief dawk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew tal-fibri sintetiċi |
| 26 | Lbiesi tan-nisa jew tal-bniet tas-suf, tal-qoton jew tal-fibri sintetiċi |
| 28 | Qliezet, fradal bil-vavalor jew biċ-ċingi, qliezet qosra (ħlief ta'l-għawm) maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew tal-fibri sintetiċi |
| 29 | Lbiesi sħaħ jew imqabbla tan-nisa jew tal-bniet ħlief dawk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew tal-fibri sintetiċi esklużi *ski suits,;tracksuits* infurrati tan-nisa jew tal-bniet, b'qoxra barranija ta' drapp singolu identiku, tal-qoton jew tal-fibri sintetiċi |
| 31 | Riġipetti, minsuġin jew maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| 78 | Ħwejjeġ, minbarra dawk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, minbarra ħwejjeġ fil-kategoriji 6, 7, 8, 14, 15, 16, 17, 18, 21, 26, 27, 29, 68, 72, 76, 77 |
| 83 | Kappotti, ġgieget, ġlekkijiet u ħwejjeġ oħrajn, inklużi lbiesi għal-*iskiing*, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ minbarra ħwejjeġ fil-kategoriji 4, 5, 7, 13, 24, 26, 27, 28, 68, 69, 72, 73, 74, 75 |
| GRUPP III A | |
| 35 | Drappijiet minsuġin minn fibri sintetiċi (kontinwu), ħlief dawk għal tajers tal-kategorija 114 |
| 35 (a) | Li minnhom: minbarra bliċjati jew le |
| 38 B | Purtieri tax-xibka, ħlief dawk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| 50 | Drappijiet minsuġin tas-suf tan-nagħaġ jew tal-ħrief jew tax-xagħar irqiq ta' l-annimali |
| GRUPP III B | |
| 90 | Brim tal-ħjut, ħbula jew kejbils tal-fibri sintetiċi, maljati jew le |
| 97 | Xbieki magħmulin minn brim tal-ħjut, kejbils jew ħbula xbieki tas-sajd magħmulin minn ħajt, brim tal-ħjut jew ħbula |

| Kategorija | Deskrizzjoni |
|---|---|
| | GRUPP IV |
| 115 | Ħajt tal-qanneb jew rami |
| 117 | Drappijiet minsuġin mill-ħajt tal-qanneb jew rami |
| 118 | Oġġetti tad-drapp tal-mejda, tal-kamra tal-banju u tal-kċina tal-ħajt tal-qanneb jew rami ħlief jekk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| 121 | Brim tal-ħjut, ħbula jew kejbils, maljati jew le, tal-ħajt tal-qanneb jew rami |
| | GRUPP V |
| 130 A | Ħajt tal-ħarir ħlief ħajt mibrum minn skart tal-ħarir |
| 130 B | Ħajt tal-ħarir ħlief tal-kategorija 130 A; musrana tad-dudu tal-ħarir |
| 136 | Drappiiet minsuġa tal-ħarir jew skart tal-ħarir |
| 151 B | Twapet u kisjiet oħrajn ta' l-art tal-juta jew tessut ieħor bil-ħjut tal-ħasira, ħlief bil-bżiebeż jew *flocked* |
| 156 | Qomos u *pullovers,* maħdumin bil-labar jew bil-ganċ tal-ħarir jew skart tal-ħarir tan-nisa jew tal-bniet |
| 157 | Ħwejjeg maħdumin bil-labar jew bil-ganċ minbarra dawk fil-kategoriji 1 sa 123 u 156 |
| 159 | Lbiesi, qomos u *shirt-blouses,* mhux maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, tal-ħarir jew ta' l-iskart tal-ħarir |
| | Xalel, xalpi, *mufflers,* mantilji, mantijiet u oġġetti simili, mhux maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, tal-ħarir jew ta' l-iskart tal-ħarir |
| | Ingravajjet, ċfuf u *cravats* tal-ħarir jew ta' l-iskart tal-ħarir |
| | OĦRAJN |
| 3005 90 | Materjal artab, garża, faxex u oġġetti simili (e.ż. faxex, ġibs ġbara li jeħel) imprenjati jew miksijin b'sustanzi farmaċetwtiċi jew mqiegħdin f'formi jew f'pakketti għall-bejgħ bl-imnut għal skopijiet mediċi, kirurġiċi, dentali jew veterinarji; ħlief għal faxex li jeħlu u oġġetti li għandhom saff li jweħħel" |

*ANNESS III*

*"ANNESS II*

**Lista ta' prodotti tat-tessut u ta' l-ilbies integrati fir-regoli normali ta' l-1994 tal-GATT**

| Kategorija | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 10 | Ingwanti, *bis-swaba' jew mingħajr*, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| 18 | *Singlets* jew flokkijiet ta' taħt, qliezet ta' taħt, *briefs*, qomos ta' bil-lejl, piġami, blużi għall-banju, ġagagi oħrajn u oġġetti simili ta' l-irġiel jew tas-subien mhux maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| | *Singlets*, u flokkijiet ta' taħt *slips*, lbiesi ta' taħt, *briefs*, qomos ta' bil-lejl, piġami, *negligees*, blużi għall-banju, ġagagi oħrajn u oġġetti simili tan-nisa jew tal-bniet mhux maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| 19 | Mkatar, ħlief jekk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| 21 | *Parkas, anoraks, windcheaters, waister jackets* u oġġetti simili, ħlief jekk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew ta' fibri sintetiċi; il-parti ta' fuq ta' *tracksuits* infurrati, minbarra tal-kategorija 16 jew 29, tal-qoton jew ta' fibri sintetiċi |
| 24 | Qomos ta' bil-lejl, piġami, blużi għall-banju, ġagagi u oġġetti simili ta'l-irġiel jew tas-subien maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| | Qomos ta' bil-lejl, piġami, *negligees*, blużi għall-banju, ġagagi u oġġetti simili tan-nisa jew tal-bniet maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| 27 | Dbielet tan-nisa jew tal-bniet, inklużi dbielet bil-qasma |
| 32 | Tessuti minsuġin mill-pil u tessuti tax-xiniljav(ħlief xugamani tal-kirxa u drappijiet minsuġin mill-ħarir tas-suf, tal-qoton u tessuti minsuġin irqiq, u wċuħ tat-tessut imberfel tas-suf, tal-qoton jew tal-fibri sintetiċi |
| 33 | Tessuti minsuġin tal-ħjut tal-filament sintetiku minn strixxa jew oġġetti simili tal-*polyethylene* jew *polypropylene* wiesa' inqas minn 3 metri |
| | Xkejjer u boroż mit-tip użati għall-ippakkjar ta' l-oġġetti, mhux maħdumin bil-labar jew bil-ganċ minn stripep jew oġġetti simili |
| 34 | Tessuti minsuġin minn ħjut tal-filament sintetiku minn strixxa jew oġġetti simili tal-*polyethylene* jew *polypropylene* wiesa' 3 metri jew aktar |
| 36 | Tessuti minsuġin minn materjali sintetiċi kontinwi ħlief dawk għal *tyres* fil-kategorija 114 |
| 37 | Tessuti minsuġin jew fibri prinċipali artifiċjali |
| 38A | Tessut sintetiku tal-purtieri maħdum jew kroxe' inkluż drapp tax-xibka tal-purtieri |
| 40 | Purtieri minsuġin (inkluż drapp tat-tiżjin, *blinds* ta' ġewwa, pavaljuni tal-purtieri jew tas-sodda, ħlief jekk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew ta' fibri sintetiċi |
| 41 | Ħajt tal-fibra sintetiku (kontinwu), mhux għall-bejgħ bl-imnut, minbarra ħajt mingħajr nisġa waħdiena mhux mibrum jew mibrum b' mhux aktar minn 50 barma fil-metru |
| 42 | Ħajt ta' filament kontinwu sintetiku, mhux għall-bejgħ bl-imnut |
| | Ħajt ta' fibri artifiċjali; ħajt ta' filamenti artifiċjali mhux għall-bejgħ bl-imnut ħlief għal ħajt singolu ta' *viscose rayon* mhux mibrum, jew mibrum mhux aktar minn 250 darba fil-metru u ħajt mingħajr nisġa waħdiena taċ-ċellulosa *acetate* |

| Kategorija | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 43 | Ħajt ta' filament magħmul mill-bniedem, ħajt ta' fibra prinċipali artifiċjali, ħajt tal-qoton għall-bejgħ bl-imnut |
| 46 | Suf tan-nagħaġ jew tal-ħrief imqardax |
| 47 | Ħajt tan-ngħaġ jew tal-ħrief imqardax (ħajt sufi) jew tal-pil fin ta' l-annimali imqardax, mhux għall-bejgħ bl-imnut |
| 48 | Ħajt ta' suf tan-ngħaġ jew tal-ħrief mimxut (ħajt *worsted*) jew ta' pil fin ta' l-annimali imqardax, mhux għall-bejgħ bl-imnut |
| 49 | Ħajt tas-suf tan-ngħaġ jew tal-ħrief mimxut jew ta' pil fin ta' l-annimali għall-bejgħ bl-imnut |
| 53 | Garża tal-qoton |
| 54 | Fibri prinċipali artifiċjali, inkluż skart, imqardax, mimxut, jew proċessat mod ieħor għall-għażil |
| 55 | Fibri prinċipali sintetiċi inklużi skart, imqardax, mimxut, jew proċessat mod ieħor għall-għażil |
| 56 | Ħajt ta' fibri prinċipali sintetiċi (inkluż skart) għall-bejgħ bl-imnut |
| 58 | Twapet, *carpentines* u twapet żgħar bl-għoqiedi (magħmulin jew le) |
| 59 | Twapet u tessuti oħra għall-kisi ta' l-art, ħlief għal twapet fil-kategorija 58 |
| 60 | Tapezzeriji maħdumin bl-idejn, mix-xorta Gobelins, Flanders, Aubusson, Beauvaus u oġġetti simili, u tapezzeriji maħdumin bil-labar (eż *petit point* u *cross-stitch*), maħdumin f' pannelli u oġġetti simili bl-idejn |
| 61 | Drappijiet minsuġin irqaq, u drappijiet dojoq (bolduc) li jikkonsistu f' medd mingħajr tgħama, magħqudin permezz ta' adesivi, ħlief għal tabelli u oġġetti simili tal-kategorija 62 |
| | Drappijiet tal-lastiku u tiżjin (mhux maħdumin bil-labar jew bil-ganċ), magħmula minn tessuti magħquad minn ħajt tal-gomma |
| 62 | Ħajt tax-xinilja (Ħajt ta' suf tax-xinilja), ħajt bil-gimm (ħlief għal ħajt metallizzat u ħajt tax-xagħar taż-żiemel bil-gimm) |
| | Tull u tessuti oħrajn xorta ta' xibka, esklużi tessuti minsuġin, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, bizzilla maħduma bl-idejn jew mekkanikament, fil-pezza, fi strixxi jew mottivi |
| | Tabelli, għeliem u oġġetti simili tad-drapp, mhux irrakkmati, fil-pezza, fi strixxi jew maqtugħin f'biċċiet jew f' daqsijiet, minsuġa |
| | Malji u tiżjin ornamentali fil-pezza, ġmiemen, *pompons* u oġġetti simili |
| | Rakkmu fil-pezza, fi strixxi jew mottivi |
| 63 | Drapp maħdum jew kroxe' ta' fibri sintetiċi li għandu toqol ta' 5 % jew aktar elastomeriku, u drapp maħdum jew kroxe' ta' fibri sintetiċi li għandu toqol ta' 5 % jew aktar ħajt tal-gomma |
| | Bizzilla Raschel u tessuti ta' pil twil ta' fibri sintetiċi |
| 65 | Drapp maħdum bil-labar jew bil-ganċ, minbarra dawk fil-kategoriji 38 A u 63, tas-suf, tal-qoton jew tal-fibri sintetiċi |
| 66 | Twapet żgħar u gvieret għall-ivvjaġġar, ħlief jekk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew ta' fibri maħdumin mill-bniedem |

| Kategorija | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 67 | Aċċessorji ta' ħwejjeġ maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, ħlief għat-trabi; oġġetti tad-drapp tad-dar ta' kull tip, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ; purtieri (inkluż drapp) u *blinds* ta' ġewwa, pavaljuni tal-purtieri jew tas-sodda, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew ta' fibri sintetiċi; kutri u twapet żgħar ta' l-ivjaġġar maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, oġġetti oħrajn maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, inklużi partijiet minn ilbiesi jew aċċessorji ta' ħwejjeġ |
| 68 | Ħwejjeġ u aċċessorji ta' lbies tat-trabi, esklużi ngwanti, bis-swaba' jew mingħajr tal-kategoriji 10 u 87, u kalzeti twal, kalzetti normaliu kalzini ħlief jekk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ tal-kategorija 88. |
| 69 | *Slips* jew ilbiesi ta' taħt tan-nisa jew tal-bniet, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| 70 | *Pantyhose* u tajts ta' fibri sintetiċi, ta' kejl ta' inqas minn 67 decitex (6.7 tex) kull ħajta singola |
| | Maljerija twila tan-nisa tal-fibri sintetiċi |
| 72 | Ħwejjeġ ta' l-għawm tas-suf, tal-qoton jew ta' fibri sintetiċi |
| 73 | *Tracksuits* ta' drapp maħdum bil-labar jew bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew ta' fibri tessili maħdumin mill-bniedem |
| 74 | Lbiesi sħaħ u mqabblin tan-nisa jew tal-bniet maħdumin bil-labar jew bil-ganċ tas-suf, tal-qoton jew ta' fibri sintetiċi, minbarra lbiesi għall-*iskiing* |
| 75 | Lbiesi sħaħ u mqabblin ta' l-irġiel jew tas-subien maħdumin bil-labar jew bil-ganċ tas-suf, tal-qoton jew ta' fibri sintetiċi, minbarra lbiesi għal *iskiing* |
| 76 | Ħwejjeġ industrijali jew tax-xogħol ta' l-irġiel jew tas-subien ħlief jekk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| 77 | Ħwejjeġ għal *iskiing* ħlief jekk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| 84 | Xalel, xarpi, *mufflers,* mantilji, mantijiet u oġġetti simili, mhux maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew ta' fibri sintetiċi |
| 85 | Ingravajjet, ċfuf u *cravats* ħlife jekk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew ta' fibri sintetiċi |
| 86 | Kurpetti, ċintorini tal-kurpetti, ċinturini tas-*suspenders*, ċingi, takkalji u oġġetti simili, u partijiet minnhom, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, jew le |
| 87 | Ingwanti, bis-swaba' jew mingħajr, mhux maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| 88 | Kalzetti twal, kalzetti normali u kalzini mhux maħdumin bil-labar jew bil-ganċ; aċċessorji oħra ta' l-ilbies, partijiet minn ħwejjeġ jew minn aċċessorji ta' lbies minbarra għat-trabi, ħlief jekk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| 91 | Tined |
| 93 | Xkejjer u boroż, mix-xorta użata għall-ippakkajr ta' drappijiet minsuġin, ħlief għal dawk magħmulin minn strixxa ta' *polythene* jew *polypropylene* |
| 94 | Materjal artab minn materjali tat-tessut u oġġetti magħma minnhom, ħlief dawk magħmulin minn strixxa tal-*polyethylene* jew *polypropylene* |
| 95 | Pannu u oġġetti tal-pannu, sew jekk imprenjat, miksi jew le, ħlief għall-kisi ta' l-art |
| 96 | Drappijiet mhux minsuġa u oġġetti magħmula minn dawn id-drappijiet, imprenjati, miksijin, jew laminati, jew le |
| 98 | Oġġetti oħrajn maħduma mis-suf, ċimi, kejbils jew ħbula ħlief għal drappijiet, oġġetti maħduma minn drappijiet jew oġġetti tal-kategorija 97 |

| Kategorija | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 99 | Drapp tat-tessut miksi bil-gomma jew sustanzi amilaċei, mill-kwalita' użata għall-qxur ta' barra tal-kotba u oġġetti simili; drapp strazza; kanvass tat-tpinġija maħduma; *buckram* u tessuti simili llamtati mill-kwalita' użata għall-bażi tal-kpiepel |
| | Linoljum, kemm jekk maqtugħ fil-forma jew le; kisi ta' l-art li jikkonsisti f'saff fuq bażi tat-tessut, kemm jekk maqtugħ fil-forma jew le |
| | Drapp tat-tessut gommat, mhux maħdum bil-labar jew bil-ganċ, ħlief għal tajers |
| | Drappijiet tat-tessut imprenjati jew miksijin xort'oħra; kanvas impinġi li hu xenarju tat-teatru, drapp li jintuża bħala sfond fi studjos, minbarra tal-kategorija 100 |
| 100 | Drappijiet tat-tessut imprenjati, miksijin, jew laminati b'preparazzjonijiet ta' derivativi taċ-ċellulosa jew materjali oħra tal-plastik artifiċjali |
| 101 | Brim tal-ħjut, ċimi ħbula jew kejbils, maljati jew le ħlief ta' fibri sintetiċi |
| 109 | Tarpolini, qlugħ,tined u *sunblinds* |
| 110 | Saqqijiet pnewmatiċi minsuġin |
| 111 | Oġġetti għall-ikkampjar ħlief għal saqqijiet u tined pnewmatiċi |
| 112 | Oġġetti oħrajn magħmula minn tessuti, minsuġin, esklużi dawk fil-kategoriji 113 u 114 |
| 113 | Bċejjeċ ta' l-art, bċejjeċ tal-platti u bċejjeċ tat-tfarfir, ħlief jekk maħduma bil-labar jew bil-ganċ |
| 114 | Drappijiet u oġġetti minsuġa, għall-użu tekniku |
| 120 | Purtieri (drapp tat-tiżjin), *blinds* ta' ġewwa, pavaljuni tal-purtieri jew ta' ġewwa u oġġetti oħrajn ta' l-għamara, mhux maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, tal-qanneb jew tar-rami |
| 122 | Xkejjer u boroż mill-kwalita' wżata għall-ippakkjar ta' l-oġġetti, użati, tal-qanneb, ħlief jekk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| 123 | Drappijiet tal-pil minsuġin u drappijiet tax-xinilja ħlief għal drappijiet dojoq minsuġin |
| | Xalel, xarpi, *mufflers*, mantilji, mantijiet u oġġetti simili tal-qanneb jew tar-rami, ħlief jekk maħdumin bil-labar jew bil-ganċ |
| 124 | Fibri prinċipali sintetiċi |
| 125A | ħjut tal-filament sintetiku (kontinwu) mhux għall-bejgħ bl-imnut, ħlief suf tal-kategorija 41 |
| 126 | Fibri prinċipali artifiċjali |
| 127A | Ħajt ta' filamenti artifiċjali (kontinwu) mhux għall-bejgħ bl-imnut, ħlief ħajt tal-kategorija 47 |
| 129 | Ħajt ta' xagħar ta' l-annimali oħxon jew xagħar taż-żiemel |
| 131 | Ħajt ta' fibri tessili mnn ħxejjex oħra |
| 133 | Ħajt tal-qanneb ta' veru |
| 134 | Ħajt metallizzat |
| 135 | Drappijiet minsuġin minn xagħar ta' l-annimali oħxon jew xagħar taż-żiemel |
| 137 | Drappijiet minsuġin minn pil jew xinilja, u drappijiet minsuġin dojoq tal-ħarir jew ta' l-iskart tal-ħarir |

| Kategorija | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 138 | Drappijiet minsuġin minn ħajt tal-karti u fibri oħra tessili ħlief għar-rami |
| 139 | Drappijiet minsuġin minn ħajt tal-metall jew ħjut metalliżżati |
| 140 | Drapp maħdum jew kroxe' ta' materjal tat-tessut ħlief għal suf jew pil fin ta' l-annimali, qoton jew fibri sintetiċi |
| 141 | Twapet żgħar u kutri għall-ivvjaġġar tal-materjal tat-tessut ħlief tas-suf jew tal-pil fin ta' l-annimali qoton jew fibri sintetiċi |
| 142 | Twapet u kisi ieħor ta' l-art tas-sisal jew fibri oħra tal-ispeċje *agave* |
| 144 | Pannu tax-xagħar ta' l-annimali oħxon |
| 145 | Brim tal-ħjut, ċimi, ħbula u kejbils, trizzati jew maljati, jew le, ta' l-abaka (Qanneb tal-Manila) jew tal-qanneb ta' veru |
| 146A | *Binder* brim tal-ħjut jew *baler twine* għal magni agrikoli tas-sisal jew fibri oħra ta' l-ispeċje *agave* |
| 146B | Brim tal-ħjut, ċimi, ħbula u kejbils tas-sisal jew fibri oħra ta' l-ispeċje *agave* ħlief għal prodotti tal-kategorija 146A |
| 148A | Ħajt tal-juta jew tessut ieħor bil-ħjut tal-ħasira taħt l-intstatura Nru. 5303 |
| 149 | Drappijiet minsuġa tal-juta jew ta' tessut ieħor bil-ħjut tal-ħasira wesgħin aktar minn 150 cm |
| 150 | Drappijiet minsuġin tal-juta jew ta' tessut ieħor bil-ħjut tal-ħasira wesgħin mhux aktar minn 150 cm; xkejjer u boroż ta' kwalita' wżata għall-ippakkjar ta' l-oġġetti, tal-juta jew ta' tessut ieħor bil-ħjut tal-ħasira, ħlife jekk użati |
| 151A | Kisi ta' l-art tal-ħajt mislut mill-qoxra tal-ġewża ta' l-Indi (kojra) |
| 152 | Pannu *needleloom* tal-juta jew ħjut tat-tessut ieħor bil-ħjut tal-ħasira mhux imprenjati jew miksijin ħlief għal kisi ta'l-art |
| 153 | Xkejjer u boroż użati ta' kwalita' użata għall-ippakkjar ta' l-oġġetti, tal-juta jew ta' tessut ieħor bil-ħjut tal-ħasira taħt l-intetstatura Nru. 5303 |
| 160 | Mkatar tal-ħarir jew ta' l-iskart tal-ħarir |
| 161 | Lbiesi, mhux maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, ħlief għal dawk fil-kategoriji 1 sa 123 u fil-kategorija 159 |
| 5604 10 | Ħajt gommat u korda gommata, miksi bit-tessut |
| 6309 00 | Ħwejjeġ u oġġetti oħrajn li jintlibsu |
| 6405 20 | Żraben oħrajn bil-parti ta' fuq tat-tessut |
| 6501 00 | Forom tal-kpiepel, iġsma tal-kpiepel u barnużi tal-pannu, la blukkati f'forma u lanqas bix-xfar; *plateaux* u *manchons* (inklużi *split manchons*) tal-pannu |
| 6502 00 | Forom tal-kpiepel, maljati jew magħmulin minn ġabra ta' strixxi ta' drapp, sew jekk infurrati jew mżejnin, sew jekk le |
| 6503 00 | Kpiepel u lbies tar-ras ieħor tal-pannu, magħmulin minn iġsma tal-kpiepel, barnużi jew *plateaux* taħt it-titolu Nru. 6501, sew jekk infurrati jew mżejnin, sew jekk le |
| 6504 00 | Kpiepel u lbies tar-ras ieħor maljati jew magħmulin minn ġabra ta' strixxi ta' drapp, sew jekk infurrati jew mżejnin, sew jekk le |
| 6505 90 | Kpiepel u lbies tar-ras ieħor, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ, jew magħmula minn bizzilla, pannu, jew drapp ieħor tat-tessut fil-biċċa (imma mhux fi strixxi), sew jekk infurrati jew mżejnin, sew jekk le |
| 6601 10 | Umbrelel tal-ġonna u oġġetti simili |
| 6601 91 | Umbrelel u umbrelel tax-xemx b' lasta teleskopika |

| Kategorija | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 6601 99 | Umbrelel oħrajn |
| 8708 21 | Ċinturini ta' sigurezza |
| 8804 00 | Paraxuti (inklużi paraxuti diriġibbli u *paragliders*) u *rotochutes*; partijiet minnhom u aċċessorji għalihom |
| 9113 90 | Ċineg, u brazzuletti ta' l-arloġġi oħrajn |
| 9404 90 | Ħlief għal appoġġi tas-saqqijiet, saqqijiet u *sleeping bags* |
| 9502 91 | Ħwejjeg u aċċessorji għalihom, żraben u lbies tar-ras għall-pupi li jirrappreżentaw biss bnedmin |
| ex 3921 12 | |
| ex 3921 14 | |
| ex 3921 90 | |
| ex 4202 12 | |
| ex 4202 22 | |
| ex 4202 32 | |
| ex 4202 92 | |
| ex 6406 10 | |
| ex 6406 99 | |
| ex 7019 10 | |
| ex 7019 20 | |
| ex 9612 10" | |